**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 12/12(06_11_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-31 t' Ottubru 2012.

1. Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
2. Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
3. Offerti MXR/003/2011 – Xogħol ta' Tisbiħ fil-Pjazza tal-Knisja.
4. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
5. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**1.00 Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

1.01 Il-Kunsill ħareġ Sejħa għall-Offerti sabiex isir tisbiħ ta' Triq il-Kantra u ssir għamara tat-triq. L-Offerta għalqet fid-29 t' Ottubru 2012 u ntefgħu dawn l-offerti:

| NRU. | ISEM TAT-TENDERER | LOT 1 | | | LOT 2 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Option 1 Ammont € | Option 2 Ammont € | Option 3 Ammont € | Option 1 Ammont € | Option 2 Ammont € |
| 1 | Joseph Mercieca | 138,200.80 | 150,440.35 | 148,020.35 | NIL | NIL |
| 2 | Peter Paul Said | 177,271.46 | 182,813.21 | 168,252.51 | 68,539.00 | NIL |
| 3 | Rapa Showrooms Co. Ltd. | 127,221.75 | 157,111.00 | 136,220.50 | 71,511.65 | 61,539.65 |
| 4 | Road Construction Co. Ltd. | 93,458.95 | 104,659.95 | 98,737.45 | 168,148.00 | NIL |
| 5 | Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. | 91,745.00 | 98,932.50 | 99,507.50 | 45,983.00 | NIL |
| 6 | Gatt Tarmac Ltd. | 153,083.35 | 171,483.35 | 163,145.85 | 70,363.00 | NIL |

Hija x-xewqa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi li wiċċ il-bankina jsir bl-*imprint* u għaldaqstant trid tintgħażel *Option* 2 ta' *Lot* 1. Il-Kunsill qabel dwar dan. Issa jmiss li t-*Tenders* jiġu miflija sew mill-Perit William Lewis sabiex jiġi vverifikat jekk hux kollox skond l-ispeċifikazzjonijiet. Dawn ix-xogħlijiet ser jiġu ffinanzjati mill-Fond ta' UIF (MEPA).

**2.00 Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

2.01 Il-Kunsill reġa' ħareġ sejħa għal xogħlijiet ta' Restawr tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

Din is-sejħa ser tkun imqassma f' 4 *Lots*:

| | | |
|---|---|---|
| Lot 1: | Restoration Works and Mechanical Repair Works. | Ammont Ibbaġitjat - €185,000 |
| Lot 2: | Provision, Installation, Testing and Commissioning of Electrical, Ventilation, Fire Detection, Alarm, CCTV, Data Network and Intrusion Detection Systems. | Ammont Ibbaġitjat - €30,000 |
| Lot 3: | Supply, Installation, Commissioning of Interpretation System, Static, Audio and Video Content and Interactive System. | Ammont Ibbaġitjat - €55,000 |
| Lot 4: | Design, Develop and Commission of a Website. | Ammont Ibbaġitjat - €15,000 |

Dawn ix-xogħlijiet ser ikunu iffinanzjati mill-Miżuri 323 u 313 Fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**3.00 Offerti MXR/003/2011 – Xogħol ta' Tisbiħ fil-Pjazza tal-Knisja.**

3.01 Il-Kunsill irċieva Rapport mingħand il-Perit Samuel Formosa. Dawn it-*Tenderers* tefgħu l-offerta tagħhom b' dawn il-prezzijiet:

| | |
|---|---|
| Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. - | €105,702.00 |
| J Portelli Projects - | €119,667.88 |
| Road Construction Co Ltd. - | € 98,107.27 |
| Patrick and Dominic Refalo - | €109,005.89 |

Wara li evalwa dawn it-*Tenders*, il-Perit irrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Road Construction Co Ltd. minħabba li hija l-orħos offerta u kienet tinkludi d-dokumenti kollha mitluba.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u li l-offerta tingħata lil Road Construction Co. Ltd.

Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Fond Eco-Gozo u minn għotja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**4.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

4.01 Il-proġett Tal-Ponta kien beda. Qed isir pavimentar ġdid u 'il quddiem titpoġġa l-għamara għat-toroq. Huwa kkalkulat li dan ix-xogħol jitlesta fi żmien xahrejn.

**5.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

5.01 Is-Sindku qed f' diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u ma' l-Enemalta. Dawn ta' l-aħħar talbu sabiex issir trinka fi Triq ir-Rumani sabiex jgħaddi *main* tad-dawl.

**6.00 Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013.**

6.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ skema sabiex Kunsilli jkunu jistgħu japplikaw għall-Finanzjament ta' Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill iddeċieda li din is-sena l-Attivita' Eku mill-Munxar…*dari u llum* tiġi organizzata fuq ħamest ijiem fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju 2013. F' dawn il-jiem ser jiġu organizzati serati għat-tfal, żgħażagħ, *folk* u daqq ta' Baned.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Minħabba l-proġett ta' pavimentar ta' Triq Tal-Ponta, ħaddiema ta' l-IPSL bnew ħajt tas-sejjieħ fi Ġnien Ragalna. Dan kien iġġarraf bil-maltemp ta' l-aħħar ġimgħa. Saret ukoll iż-żabra ta' xi siġar u qasab li kienu qed jimblukkaw it-triq.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku attenda għal-laqgħa annwali tar-Reġjun Għawdex li saret fil-Lukanda Calypso. Huwa attenda wkoll għal-laqgħa mal-Paying Office dwar il-Fondi ta' Miżuri 313 u 323. Is-Sindku ltaqa' ma' l-Avukat u l-Perit dwar Triq ir-Rumani. Huwa attenda wkoll għal-laqgħa tal-Gozo Regional Committee ma' Transport Malta u l-UHM. Attenda wkoll għal-laqgħa dwar l-iskema CIES dwar ħaddiema b' diżabilita'.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsil li l-*patching* ta' Triq Żgħawri u Triq ix-Xatba ser isir mill-ħaddiema tas-CMU u l-Kunsill iħallas għall-materjal tal-*patching*.
Issa li l-Kappillan għamel il-*membrane* fuq is-saqaf tal-Knisja, l-Kunsill irid jerġa' jwaħħal il-*floodlights* fuq il-Koppla u jintużaw lampi Led jew Son.
Il-passaġġ li jagħti għal tal-Bardan ser jinkesa bil-*concrete* u dan ix-xogħol ser isir mill-Ministeru għal Għawdex.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva talbiet sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet:
Passaġġ bil-*concrete* li jagħti għal Ta' Zammit.
Rampa quddiem l-għalqa ta' Ċensu.
Rampa fil-Wied Santa Margerita.
Rampa ta' Triq Tal-Ponta.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal Training Conference: Enabling Local Councils to Support the Business Community li saret fl-4 u l-5 t' Ottubru 2012 f' Malta. Dan it-*Training* ġie organizzat mill-Enterprise Policy Directorate tal-Ministeru tal-Finanzi u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal Information Seminar organizzat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien mal-Financial Policy and Management Division tal-Ministeru tal-Finanzi dwar Late Payments Directive, Issues man-National Audit Office u obligazzjonijiet tal-Kunsill lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Dan is-*Seminar* sar fl-24 t' Ottubru 2012 f' Malta.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva ilment li fuq bankina fi Triq San Pawl, Il-Munxar, Sid il-post poġġa *flower pot* fuq il-bankina bil-konsegwenza li l-pubbliku ma jistax juża' l-bankina u qed jużaw it-triq li hija ta' periklu. Is-Sid ġie mitlub sabiex ineħħi din il-*pot* iżda talab li jsir *bollard* fil-kantuniera tal-bankina sabiex min ikun juża l-istess bankina, jkun protett mit-traffiku. Kien hemm qbil dwar dan.

9.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa ser jibqalu xi sigħat ta' *Vacation Leave* għas-sena 2012 li mhux ser ikun possibbli li jieħdu f' din is-sena. Għaldaqstant qed tintalab approvazzjoni mill-Kunsill sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jħalli 174.50 siegħa sabiex dawn jittieħdu fis-sena 2013. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Ryan Debrincat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-i*slipway* tal-Port tax-Xlendi għandha bżonn titranġa bil-*concrete* peress li qed tkun diffiċli għal dawk li jvaraw l-opri tal-baħar minn hemm. Ġie deċiż li hekk kif it-temp ikun idejali għal dan ix-xogħol isir *patching* bil-*concrete*.

10.02 Is-Sur Ryan Debrincat fakkar li peress li żmien il-Milied qed joqrob ġmielu, huwa ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-armar tat-toroq. Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fl-*item* Materji Oħra.

10.03 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit sabiex il-Kunsill jibda jorganizza attivitajiet għall-Anzjani li jattendu d-Day Centre tal-Munxar. Il-Kunsill jorganizza ħarġa u *talk* li b' kollox jiġu jiswew €50.

Fakkret lill-Kunsill dwar żebgħa li għandu jsir fl-art fi Triq il-Puniċi kif ukoll dwar il-blokka li trid tinkiser u jitwaħħal bank minflokha.

Rigward Triq il-Kappar fix-Xlendi, hemm bżonn li ssir bozza oħra u titranġa t-trinka li nqalet bil-maltemp. Il-bejt tas-*Silos* tal-Mitħna għandu jitranġa peress li qed iżomm l-ilma.

10.04 Is-Sur Robert Mallia fakkar lis-Sindku li kellhom jorganizzaw laqgħa ma' Uffiċjali tal-EUPA dwar Programmi ta' Youth in Action. Is-Sindku informah li minflok ma' Uffiċjali tal-EUPA tista' ssir ma' Uffiċjali tal-MEUSAC.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Il-Kunsill kien applika għall-iskema ta' Community Inclusive Employment Scheme (CIES) li ġiet imnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-ETC. Il-Kunsill applika għal Skrivan/a / Messaġġier *Full-Time*. Il-Kunsill irċieva lista b' persuni li qed jirreġistraw ma' l-ETC. F' din il-lista hemm indikat 5 persuni. Minn dawn il-ħames persuni, s-Sur Jacob Joe Muscat wera interess f' dan l-impjieg. Huwa ntalab jiġi fil-laqgħa għall-intervista. F' din l-intervista huwa ppreżenta ċ-ċertifikati oriġinali u ġie spjegat ix-xogħol f' hiex jikkonsisti u jekk huwiex lest li jaħdem is-Sibtijiet minflok ġurnata fil-ġimgħa. Huwa aċċetta li jaħdem is-Sibtijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda li għandu jiġi impjegat minnufih. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar Jum Il-Munxar 2012. Il-Kunsill iddeċieda li b' rispett lejn il-mibki Mario Gauci, ex-Kunsillier li miet fit-traġedja tan-Nar ta' l-4 ta' Novembru 2012, għal din is-sena Jum Il-Munxar ma jiġix iċċelebrat bħas-snin ta' qabel.

Għaldaqstant, ser issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr biss. Din ser issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2012, fis-6.00 ta' filgħaxija, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll illi Ġieħ il-Munxar 2013 ser jingħata lil Mario Gauci b' tifkira għall-ħidma tiegħu lejn raħal twelidu u bħala ex-Kunsillier.

11.03 Ġie deċiż li din is-sena l-Kunsill iżejjen Triq il-Madonna tal-Karmnu u l-Pjazza tal-Knisja. Dan it-tiżjin ser isir mill-Għaqdiet tal-Munxar għall-prezz ta' €1,164. Il-Kunsill ser jixtri statwi kbar sabiex isir presepju fid-daħla ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, Il-Munxar.

11.04 Il-Kunsill iddeċieda li ssir ħarġa għat-tfal nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2012. It-tfal ser jittieħdu jżuru l-Mużew tal-Katidral u jaraw *film* fis-Citadel Cinema.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Joseph Sultana** — *Sindku.*

**Anthony Grech** — *Segretarju Eżekuttiv.*